# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Nru. 317

KAZ NRU. 431

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

Is-Sur Edgar Gatt

u

Giuseppe Tabone & Co

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Data: 6 ta' Ottubru, 1988

CHAIRMAN: Is-Sur Anthony De Giovanni

1. DAHLA

1.1 Il-Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali ta' dak iz-zmien, permezz ta' ittra datata 25 ta' April, 1987, riferenza MLSS/4/87/6, talab lit-Tribunal Industrijali biex jaghti decizjoni dwar din it-tilwima skond id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 28 (2) ta' l-Att XXX tal-1976.

1.2 It-Tribunal iltaqa' seba' darbiet.

1.3 L-appellant kien meghjun mis-Sinjuri, T Zarb u C Briffa, Ufficjali tat-Taqsima Port u Transport tal-General Workers' Union.

1.4 L-attur kien meghjun mis-Sur A Mallia Milanes Ufficjal tal-Employers' Association u mis-sur Alfred Buhagiar, skrivan tal-Kumpanija.

2. OGGEZZJONIJIET

2.1 Fl-ewwel seduta wara l-qari tad-dikjarazzjonijiet preliminari taz-zewg partijiet, ic-Chairman ghamel osservazzjoni li, fil-waqt li fid-dikjarazzjoni tieghu l-attur talab lit-Tribunal biex jichad it-talbiet kollha ta' l-appellant, dan ta' l-ahhar fid-dikjarazzjoni tieghu naqas li jghid bic-car x'kienu t-talbiet tieghu. Ghal dan il-ghan ic-chairman talab lill-appellant biex jaghmel car bil-miktub it-talbiet tieghu.

F'dan l-istadju l-attur oggezzjona ghal din id-direttiva tat-Tribunal bil-pretensjoni li d-dikjarazzjoni preliminari ma tistax tinbidel wara li tkun inqrat, u talab biex il-kaz jintefa' il barra minghajr il-htiega li jinstemghu xhieda.

It-Tribunal ma laqax din it-talba.

2.2 Matul is-sitt seduta waqt ix-xhieda ta' l-appellant, l-attur ghamel oggezzjoni ghal xi akkuzi li ntqalu u talab lit-Tribunal biex itella' xhud mhux indikat minn qabel biex jikkonfuta l-akkuzi.

Wara li qara x-xhieda relevanti l-attur stqarr waqt is-seba' seduta li ma kienx hemm htiega li jinsisti fuq it-talba tieghu.

3. TAGHRIF GENERALI U TALBIET TAL-PARTIJIET

3.1. L-appellant

3.1.1. stqarr li hu kien impjegat bhala ghassies bil-lejl ma' l-attur

3.1.2. stqarr li t-tkeccija mill-impieg kienet aktar bhala att ta' vendikazzjoni milli minhabba falliment ta' gurnata xoghol nhar il-31 ta' Jannar, 1987.

3.1.3. talab lit-Tribunal biex jiddikjara li t-tkeccija kienet irregolari, u ngusta

3.1.4. talab lit-Tribunal biex jerga' jinghata lura l-impieg tieghu.

3.2 L-attur stqarr li

3.2.1. l-appellant kien gie impjegat bhala xufier nhar il-15 ta' Jannar, 1981 u f'Jannar, 1983, fuq talba tieghu stess kien inghata x-xoghol ta' ghassies bil-lejl.

3.2.2. l-appellant kien ifalli mix-xoghol ghal hinijiet twal f'diversi ljieli, u li minhabba f'hekk kien imwissi bil-fomm hafna drabi. Minkejja dan hu baqa' jfalli mix-xoghol.

3.2.3. nhar it-2 ta' Dicembru, 1986 l-Avukat tal-Kumpanija kien kiteb lill-attur u widdbu li jekk jerga' jfalli jew jiskarta mix-xoghol minghajr raguni gusta l-kumpanija kienet lesta titterminalu l-impieg. (Dok. A)

3.2.4. lanqas it-twiddib bil-miktub ma sewa ghaliex l-appellant rega' falla

3.2.5. permezz ta' ittra datata 11 ta' Frar, 1987, il-kumpanija temmet l-impieg ta' l-appellant (Dok. B).

3.2.6. it-Tribunal kellu jiddikjara li t-tkeccija kienet gustifikata u skond il-ligi u jirrifjuta kull talba ta' l-appellant.

4. <u>LISTA TAX-XHIEDA</u>

4.1 Ghall-appellant xehdu :

is-Sur A Fava

is-Sur E Gatt

is-Sur C Lucchese

4.2 Ghall-attur xehdu :

is-Sur A Buhagiar

is-Sur F Seisun

is-Sur V Zerafa

4.3 Is-sinjuri li isimhom jidher hawn taht kienu xhieda komuni ghaz-zewg partijiet:

is-Sur A Bugelli Vella

is-Sur A Cachia

is-Sur E Pace

is-Sur C Pule'

4.4 Is-sur E Gatt u is-sur A. Buhagiar kienu mitluba jixhdu mic-Chairman tat-Tribunal.

5. <u>PREZENTAZZJONI TA' DOKUMENTI</u>

5.1 L-appellantipprezenta d-dokumenti li jidhru hawn taht:

5.1.1 Att tan-Nutar, Dr. Carmelo Lia LL.D. datat 10 ta' April, 1980 li bis-sahha tieghu martu asserat u ttrasferit b'titolu ta' donazzjoni decima parti (1/10) indiviza tas-sehem numru tnienja fil-kumpanija kummercjali "Giuseppe Tabone & Co." (Dok C).

5.1.2 il-ktieb tax-xoghol tieghu li ghandu n-Numru 006030 (Dok D).

5.1.3 ittra datata 20 ta' Mejju, 1988 fejn bis-sahha taghha l-appellant awtorizza lir-rapprezentanti tieghu, is-Sinjuri T Zarb u C Briffa, biex ikomplu bil-kaz fl-assenza tieghu mill-Gzira (Dok E).

5.2 L-attur ipprezenta d-dokumenti li jidhru hawn taht;

5.2.1 ittra registrata mibghuta minnu lill-appellant datata 2 ta' Dicembru, 1986 fejn dan ta' l-ahhar gie akkuzat li kien ilu zmien twil ma jinzel ghax-xoghol u kompla jithallas. Fl-istess ittra l-appellant gie imwiddeb li jekk jerga' jhalli minghajr raguni gusta u bla avviz jitkecca mill-impieg (Dok A).

5.2.2 ittra registrata mibghuta minnu lill-appellant datata 11 ta' Frar, 1987 li kienet avviz dwar tmiem ta' l-impieg (Dok B).

5.3 It-Tribunal immarka d-dokumenti l-ohra ipprezentati kif jidher hawn taht;

5.3.1 Stqarrija preliminari ta' l-appellant (Dok F)

5.3.2 Stqarrija preliminari ta' l-attur (Dok G)

5.3.3 Klarifika ta' l-appellant datata 22 t'April,1988 mitluba mit-Tribunal (Dok H)

5.3.4 Nota ta' l-attur bi twegiba ghal 5.3.2 datata 5 ta' Mejju, 1988 (Dok I).

.../6

6. ARGUMENTI U PROVI TAL-PARTIJIET

6.1 L-appellant argumenta li hu

6.1.1 falla nhar il-31 ta' Jannar, 1987 minhabba li dak in-nhar waqt li kien fi triqtu ghax-xoghol waqfitlu l-karrozza, ghaliex bix-xita li nizlet ixxarbulha l-'isparking plugs'
(12.7.88 P 3 V 3 - 7).
( 5.5.88 P 2 V 5 -10).

Nota : It-Tribunal accerta ruhu permezz ta' l-ghajnuna ta' l-Ufficcju Metereologiku ta' l-Avjazzjoni Civili li dak in-nhar f'Malta nizlet xita fl-inhawi kollha ta' Malta.

6.1.2 Kien avza b'dan lill-mara tac-Chairman (12.7.88 P 5 V 20 - 22)

6.1.3 kien jattendi ghax-xoghol regolari u qatt ma falla. (12.7.88 P 16 V 21 - 23).

Is-Sur Alfred Fava xehed li darba fost l-ohrajn tard matul il-gurnata hu kien ghadda vicin il-post tax-xoghol u ra lil Edgar Gatt ghassa. (10.5.88 P 21 V 23 - 25).

6.2. L-attur argumenta li l-appellant

6.2.1 Kien ifalli mix-xoghol ripetutament u minghajr avviz.

Is-Sur Carmel Pule' xehed li "gibdulna l-attenzjoni li huwa mhux jinzel" (10.5.88 P 8 V 16)

"L-angas sibnieh hemmhekk" (10.5.88 P 9 V 1)

"L-angas insibuh meta nigu jitfaghlna cima jew xi haga hekk (10.5.88 P 9 V 21 - 23)

"Iva dik kienet. Ma kienx hemm prezenti biex jghinhom u kellhom speci ....." (10.5.88 P 10 V 20 - 21)

"Kienu jaslulna hafna minn kullimkien" (10.5.88 P.15 V21)

"Ir-rapporti li kellna li ma kienx jinzel ghax-xoghol" (10.5.88 P.19 V23-24)

Is-Sur Agostino Cachia xehed: "dak bqajt niftakru li kellna rapport min-nies fuqu, u baghtulna ittra wkoll li dan mhux jattendi bhala watchman" (17.5.88 P.1 V25-28)
"L-ewwel kien hemm Pawlu Seisun, nizel tmint ijiem, nizel tmint ijiem bil-lejl jghasses, u gie fuqi personali, qalli isma' mhux bi hsiebni nirraporta flus is-serq tal-bniedem li ma jkunx qieghed jattendi hemm isfel. Imbaghad darba ohra kien hemm ix-xoghol tal-Kumpanija, kien hemm xi gajijiet, tmienja minn nies giext iljieli, u giext iljieli ma kienx hemm lanqas, ghax huma ghamlu ...... nirrapurtawh, imbaghad baghtulna ittra il-familja ta' Seisun, li mhumiex bi hsiebhom ihallsu flus aktar" (17.5.88 P.2. V 25-31 u P.3. V 1-6)
"gew darbtejn, lejl kien bis-sahra, gew il-lejl l'iehor, gew fuqna qalulna, 'ma deher qatt' (17.5.88 P.3 V29-31 u P.4. V 1-2)"
"Qalulna nigu hawn, qatt ma nsibuh hawn ..." (17.5.88 P.5. V 6).
"u qaluli kollha, qaluli ara nigu bil-lejl u ma nsibu lil hadd. Ma nsibu lil hadd hawn." (17.5.88 P.7. V27-29)
"Pawlu Seisun irrapurtali, qalli inzilt tmint ijiem hemm qatt ma rajtu...." (17.5.88 P.9. V 24-25)

Is-Sur Emanuel Pace xehed: "inzilna **bosta hafna** drabi bil-lejl u jien ghalija ma rajtu qatt." (17.5.88 P.15 V21-22).
"kull meta nzilt hemmhekk ma konna narawh imkien qatt. Gieli ghamilna lejl shih nimlew..." (17.5.88 P.20 V6-8)
"Qatt ma rajtu hemm. Fil-bidu, fil-bidu..." (17.5.88 P.20 V24).
"Xejn". (17.5.88 P.20 V29)

.../8

Is-Sur Angelo Bugelli Vella xehed : "Kienu jaslu iva.
U konna nitkellmu fuqhom fis-seduta (17.5.88 P22 V27-28).
"Iva, iva, minn nies stess li ma kinux isibuh hemmhekk..."
(17.5.88 P.23. V 21-22)
"Baqghu jaslulna rapporti fuqu"
(17.5.88 P.23. V 35)
"Ghal izjed minn darba, iva".
(17.5.88 P.23. V 37)
"Jiena l-complaint li kien ikollna l-merti fuqhom kienet li ma kienx ikun hemm".
(17.5.88 P.26. V 27-28)

Is-Sur Francis Seisun xehed : "Fil-fatt ifalli mix-xoghol"
(24.5.88 P.1. V 9)
"fejn Edgar Gatt ma nizilx ghax-xoghol u l-ghada cempilt lic-Chairman biex niccekkja jekk huwa kienx leave. Fil-fatt huwa ma kienx leave."
(24.5.88 P.1. V 20-23)

Is-Sur Vincent Zerafa xehed: "Kienu jridu jfissru dawn li ma kienx ikun hemm."
(24.5.88 P.22. V 9)

6.2.2 Kien imwiddeb bosta drabi dwar il-falliment tieghu min fuq ix-xoghol.

Is-Sur Carmel Pule xehed: "biex nghidulu li ghandna complaint minghand is-shareholders..., Huwa cahad: qal li dik m'hix vera; qalilna li huwa jinzel ghax-xoghol, u hemmhekk ahna tajnih qisu l-ewwel notice, huwa qal li mhux ser jaghmilha iktar ..."
(10.5.88 P.8. V18-23)

"Iwa, konna inwissuh"
(10.5.88 P.15. V 18).
"u gieli bhal speci sejjahnielu u kellimnih verbalment".
(10.5.88 P.17. V 12-13).
"Iva, iva".
(10.5.88 P.17. V 21).
"xi tlett darbiet zgur li saru verbali"
(10.5.88 P.18. V 8).
"Le, saru quddiem il-Bord; il-Bord kollu ..."
(10.5.88 P.19. V 6).
"Wahda kien prezenti zgur; dana qed insemmi l-kbira;
darba ohra mhux quddiem il-Bord kollu u darba ohra konna
sghidu lic-Chairman u hu kien jghidilna li qallu"
(10.5.88 P.19. V 9-13).

Is-Sur Agostino Cachia xehed: "Dak, dak warning tajtu
kemm il-darba".
(17.5.88 P.4. V 9).
"U ... kemm il-darba tajtu warning, kien skuzi ippermettili
jitnejjek bija".
(17.5.88 P.7. V 17-18).
M "anke warning bil-miktub"
T "Ukoll iva". (17.5.88 P.7. V 17-18)
"Oqghod attent ghax se jkeccik .... Oqghod attent ghax
se jkeccik
- iva, iva, issa jkeccuni, jidhak u jitlaq."
(17.5.88 P.10. V 21)
"U insomma daqs erba' darbiet ghidtlu zgur".
(17.5.88 P.10. V 24)

Is-Sur Emanuel Pace xehed : "Jiena nahseb aktar minn darba"
(17.5.88 P.16. V 12)

"Iva, iva anki fil-prezenza ta' haddiehor"
(17.5.88 P.16 V 14).
"Fil-prezenza tal-Kumitat".
(17.5.88 P.16 V 16).

Is-Sur Angelo Bugelli Vella xehed: "Wissejnieh iva u kont, iva niftakar li wissejnieh mela le"
(17.5.88 P.23. V 5-6)
"Anki verbalment, iva."
(17.5.88 P.24. V 3)

Is-Sur Francis Seisun xehed: "Gieli avzawh quddiemna wkoll, mhux quddiemi biss jigifieri".
(24.5.88 P.2. V 6-7).

Is-Sur Alfred Buhagiar xehed: "Quddiemi u anki jien widdibtu jien personali, ftahtlu ghajnejh kemm il-darba".
(24.5.88 P.11. V 24-25).

Is-Sur Vincent Zerafa xehed: "Gie imwissi. Daz-zgur gie imwissi .... Quddiemi quddiem is-sitta l-ohra."
(24.5.88 P.17. V 29-31).

7. KUNSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL

It-Tribunal osserva li

7.1 l-attur ma kien izomm ebda rekord ta' attendenza, almenu ghax-xoghol ta' ghassies bil-lejl.

7.2 Ghal diversi drabi l-attur naqas li jaghmel uwu mill-provvedimenti tas-sub Artikolu 20(2) ta' l-Att XX ta' l-1952 li jippermettti tnaqqis mill-paga ghal falliment mix-xoghol. It-twiddib verbali li sar,kien ikollu aktar sahha u forsi wkoll effett posittiv,kieku sar flimkien mat-tnaqqis mill-paga.

7.3 L-Att Notarili datat 10 ta' April, 1980 immarkat Dok C ma bidel b' ebda mod ir-relazzjoni bejn l-attur u l-appellant u ma ghandu ebda relevanza ma din it-tilwima tax-xoghol.

7.4 Meta l-appellant ircieva l-ittra immarkata Dok A hu ma ha ebda pass biex jichad l-akkuzi miktuba.

7.5 Ghalkemm huwa minnu li nhar il-31 ta' Jannar, 1987 kienet nizlet xita u l-appellant seta' kellu incident bil-karrozza dan ma jfissirx li ma kienx hemm mezzi ohra ta' trasport biex l-appellant imur ghax-xoghol, anki jekk tard.

7.6 Ix-xoghol ta' ghassies bil-lejl ghandu importanza kbira ghal min ihaddem u kien jisthoqqlu hafna aktar kaz milli l-appellant kien lest li juri.

7.7 Galadarba ma kienux jinzammu records ta' attendenza, l-appellant seta' juri li kien ghax-xoghol billi jirrispondi t-telefon u jghin lil shabu waqt is-salpar u l-irmicc tal-lanec tal-kumpanija.

Minflok hekk hu irrifjuta li jwiegeb it-telefon u kien iwarrab meta jisma' xi lanca gejja. Hu baqa' jaghmel hekk anki wara li gie imwiddeb bil-miktub dwar il-fallimenti spissi. L-appellant tilef kull cans biex juri li hu veru kien jattendi ghax-xoghol regolari.